**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**-vs-**

**Marisa Chircop, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 284774M**

*Kumpilazzjoni Nru. 667/2021*

Illum, **14 ta' Marzu, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputata **Marisa Chircop** u ċioè talli:

> Bejn Ottubru tas-sena 2020 u Jannar tas-sena 2021, f'dawn il-Gżejjer, approprijat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew ghal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat cioe l-ammont ta' €1500.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fid-19 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret illum 14 ta' Marzu, 2024.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-23 ta' Mejju, 2022, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti, diversament preseduta, osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk ried terġa lura minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha.

Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessa.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fedina penali mtappna tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, partikolarment li dan il-każ jirrisali għas-snin 2020-2021 fejn l-imputata baqgħet ma ngħatax sentenza ghalkemm ammettiet mal-ewwel seduta.

Ingħata piż ukoll lill-fatt li l-imputata fiċ-ċirkostanzi preżenti mhix ser tkun f'pożizzjoni tirritorna r-res furtiva.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 293 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannaha għall-priġunerija ta' żmien **ħmistax (15) il-xahar** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-**tliet (3) snin millum.**

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**